

# Riċerka dwar Mudelli Kummerċjali Online li jiksru d-Drittijiet ta-Proprietà Intellettwali - Fażi 2

## Sommarju Eżekuttiv

Fl-wienet elettroniċi suspettati li jiksru d-drittijiet ta-trade mark li jużaw ismijiet tad-dominju li kienu użati qabel



## Sommarju Eżekuttiv

### Riċerka dwar Mudelli Kummerċjali Online li jiksru d-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali - Fażi 2

Ħwienet elettroniċi suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade mark li jużaw ismijiet tad-dominju li kienu użati qabel



## Kelmtejn ta' qabel

---

Biex jikkoinċidi mat-tnejja tal-Koalizzjoni Koordinata tal-Kriminalità tal-Proprietà Intellettwali (IPC3) fl-Europol, l-EUIPO ppubblikar r-rapport tal-Fażi 1 dwar mudelli kummerċjali online li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Ir-rapport ta' ħarsa ġenerali lejn l-ġhadd kbir ta' modi differenti kif il-proprjetà intellettwali hija miksurha kummerċjalment online u ppreżenta mod kompletament ġdid ta' identifikazzjoni, dissezzjoni, analiżi u preżentazzjoni ta' mudelli tan-negozju b'hal dawn. Dan ġie kkwotat b' mod wiesa' fir-rigward ta' mudelli tan-negozju ta' ksur tad-drittijiet online.

L-istudju attwali jibni fuq is-sejbiet inizzjali u jistudja aktar l-informazzjoni dwar l-użu estensiv li qed isir minn persuni suspettati li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' ismijiet ta' dominju li xi darba kienu jintużaw minn persuni famużi, organizzazzjonijiet, ambaxxati barranin, negozji kummerċjali u ħafna oħrajn.

Dan il-fenomeni ġie rrapportat għall-ewwel darba minn esperti Daniż taċ-ċiberkriminalità li sab li ġhadd kbir ta' ismijiet ta' dominju li kienu jintużaw qabel taħt id-dominju Daniż .dk kienu qed jerġgħu jiġu rreġistrati sistematikament minn persuni suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade marks.

L-idea kienet li wieħed jieħu vantaġġ mill-popolarità ta' ismijiet ta' dominju b'hal dawn biex jiġi attirat traffiku lejn ħwienet elettroniċi ġodda li jikkummerċjalizzaw prodotti suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade mark. Immedjatament wara li l-ismijiet tad-dominju saru disponibbli għar-reġistrazzjoni mill-ġdid, il-persuni suspettati akkwistawhom u f'it wara attivaw ħanut elettroniku.

L-EUIPO s'fharreġ biex jiskopri jekk il-prattika identifikata fid-Danimarka ntużatx ukoll f'pajjiżi Ewropej oħra b'setturi maturi ta' kummerċ elettroniku. L-Iżvezja, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Spanja ntgħażlu għar-riċerka u dan ir-rapport huwa r-riżultat.



Is-sejbiet huma sorprendenti u juru li l-prattika identifikata fid-Danimarka teżisti wkoll fl-erba' pajjiżi magħżula sa grad saħansitra ogħla minn dak li seta' kien mistenni.

Wara li analizzat 40 eżempju ta' każijiet fid-dettall, ir-riċerka tidher ukoll li tindika li dak li minn barra jidher bħala eluf ta' ħwienet elettroniċi mhux relatati, x'aktarx ikun negozju wieħed jew ftit negozji li jikkummerċjalizzaw prodotti suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade mark lill-konsumaturi Ewropej.

Dan ir-rapport il-ġdid jipprovdi aktar evidenza tal-iskala tal-problema tal-ksur tal-proprjeta' intellettuali online kummerċjali u jsaħħaħ il-każ għall-kooperazzjoni fil-livell tal-UE biex dan jiġi kkontrollat.



António CAMPINOS  
Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO



# 1. Sommarju Eżekuttiv

Fl-2015, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), permezz tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali, ikkummissjona studju ta' riċerka dwar mudelli kummerċjali online użati biex jiksru d-drittijiet tal-proprietà intellettwali (IPRs). L-inizjattiva nħolqot bħala studju indipendenti xprunat mid-dejta li jivvaluta u janalizza kif il-ksur tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali online fuq skala kummerċjali, ħadem, ġie ffinanzjat, kif iġġenera profitti għall-operaturi tiegħu, liema tip ta' kontenut xerred u kemm kienu kbar il-bażijiet tal-utenti tagħhom.

L-istudju għandu jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika, lis-soċjetà ċivili u lin-negozji privati b'għarfien aħjar tas-sitwazzjoni. Fl-istess ħin, għandu jgħin biex jidentifika u jifhem aħjar il-firxa ta' twegġibiet meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi tal-ksur tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali online fuq skala kbira.

Kien previst li l-istudju jkun maqsum f'żewġ fażijiet:

- Fażi 1, studju kwalitattiv bil-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-mudelli tan-negozju differenti użati biex jiksru d-dritt ta' proprietà intellettwali online;
- Fażi 2, studju kwantitattiv, fejn mudell wieħed jew aktar u strateġiji ta' negozju speċifiċi importanti se jkunu investigati fid-dettall.

Ir-rapport tal-Fażi 1 ġie ppubblikat fit-12 ta' Lulju 2016 u huwa disponibbli fuq il-websajt tal-EUIPO<sup>1</sup>.

Matul ir-riċerka fil-Fażi 1, ġie identifikat studju reċenti li sar fid-Danimarka<sup>2</sup> li ffoka fuq mudell skopert ta' użu speċifiku tas-sistema ta' isem ta' dominju (DNS) li seħħ fil-kodiċi tal-pajjiż tad-Danimarka tal-ogħla livell (ccTLD) .dk. L-istudju nholq minn suġġerimenti magħmula fil-midja dwar ħwienet elettroniċi suspettati li qed jiksru d-drittijiet tat-trade marks li kienu qed jiffaċċaw online, iżda li kienu meqjusa bħala ħwienet elettroniċi individwali u mhux affiljati. L-għan tal-istudju Daniż kien li jidentifika jekk kienu hemm mudell jew struttura wara l-istabbiliment ta' dawn il-ħwienet elettroniċi. Billi ġiet analizzata r-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' ismijiet tad-dominji li kienu jintużaw qabel, kien possibbli li jiġi stabbilit li l-ħwienet elettroniċi suspettati li jikkummerċjalizzaw prodotti li jiksru d-drittijiet tat-trade mark kienu qed jiġu stabbiliti bl-użu ta' ismijiet ta' dominju li kienu jintużaw qabel għal diversi skopijiet online. Meta l-ismijiet tad-dominju kienu disponibbli għar-reġistrazzjoni mill-ġdid, l-entitajiet li joperaw il-ħwienet elettroniċi kellhom jirreġistraw b'mod sistematiku l-ismijiet tad-dominju u ftit wara jstabbilixxu ħwienet elettroniċi li jikkummerċjalizzaw prodotti li kienu suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade marks ta' oħrajn. Kienet karatteristika li

<sup>1</sup> [https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document\\_library/observatory/resources/Research\\_on\\_Online\\_Business\\_Models\\_IBM/Research\\_on\\_Online\\_Business\\_Models\\_IBM\\_en.pdf](https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/observatory/resources/Research_on_Online_Business_Models_IBM/Research_on_Online_Business_Models_IBM_en.pdf).

<sup>2</sup> Ir-riċerka, li saret mill-ispeċjalista taċ-ċiberkriminalità Daniż Henrik Bjørner, hija disponibbli hawn: <http://cybercrime.eu/analysis/analysing-registration-of-previously-used-danish-domain-names>.

li kienu qed jiġu kkummerċjalizzati fil-ħwienet elettroniċi suspettati. Kien hemm eżempji ta' ismijiet ta' dominju li qabel kienu jintużaw minn politikanti, ambaxxati barranin, negozji kummerċjali u ħafna reġistranti oħra ta' ismijiet ta' dominju.

**Għall-perjodu bejn Ottubru 2014 u Ottubru 2015, kien hemm 566 dominju .dk li ġew irreġistrati mill-ġdid minn persuni suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade marks immedjatement wara li l-ismijiet tad-dominju ngħataw mir-reġistranti preċedenti tagħhom u saru disponibbli għal reġistrazzjoni mill-ġdid.<sup>3</sup>**

Ir-riċerka mwettqa kopriet biss is-ccTLD tad-Danimarka .dk, iżda l-attivitajiet identifikati indikaw li kien probabbli li l-istess attività kienet applikata wkoll minn persuni suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade mark f' pajjiżi Ewropej oħra. Abbażi ta' dan, l-EUIPO ddeċieda li jeżamina aktar din il-kwistjoni speċifika fil-Fażi 2 tal-proġett ta' riċerka, billi tiffoka fuq erba' pajjiżi Ewropej b'setturi kbar tal-kummerċ elettroniku. Skont dawn il-kriterji, intgħażlu l-Iżvezja, li bħala pajjiż Skandinavu huwa meqjus bħala komparabbli mad-Danimarka, il-Ġermanja u r-Renju Unit, li għandhom settur tal-kummerċ elettroniku żviluppat sew u kbir, u pajjiż b'ekonomija kbira tal-kummerċ elettroniku fin-Nofsinhar tal-Ewropa, Spanja.

L-għan ġenerali tal-analiżi tal-ħwienet elettroniċi kien li jidentifika l-ħwienet elettroniċi li jikkummerċjalizzaw prodotti suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade mark. Biex jinkiseb dan, ġie żviluppat proċess awtomatizzat, fejn kull isem ta' dominju għadda minn sett ta' moduli analitiċi biex jikklassifika l-websajt bħala waħda li jkun hemm suspett ta' ksur ta' drittijiet ta' trade mark jew le. Dawn il-moduli analitiċi servew għal għanijiet speċifiċi biex jiffaċilitaw il-ġbir ta' informazzjoni u l-analiżi tal-kontenut.

Fiż-żmien tal-analiżi, is-sitwazzjoni fl-Iżvezja, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Spanja wriet dan li ġej.

Ir-riċerka attwali wriet biċ-ċar li l-istess fenomenu dokumentat qabel fid-Danimarka, iseħħ ukoll fl-Iżvezja, fil-Ġermanja, fir-Renju Unit u fi Spanja.

<sup>4</sup> Jekk jogħġbok innota li din l-informazzjoni ġiet estratta mill-istudju Daniż imsemmi qabel

ccTLD	L-Iżvezja .se	Il- Ġermanja .de	Ir-Renju Unit .uk	Spanja .es	Total
Perjodu tal-analiżi	8-10 ta' Diċembru 2016	23 ta' Novembru – 6 ta' Diċembru 2016	26 ta' Jannar – 10 ta' Frar 2017	10–11 ta' Jannar 2017	
Numru totali ta' ismijiet tad-dominju attivi skoperti taħt is-ccTLD li jirrisolvu f' websajt attiva	1 259 990	11 057 426	8 158 245	1 047 780	21 523 441
Numru totali ta' ħwienet elettroniċi skoperti li jużaw isem ta' dominju taħt is-ccTLD	33 212	208 939	224 154	49 147	515 452
Numru totali ta' ħwienet elettroniċi skoperti li jiksru trade marks ta' oħrajn li jużaw isem ta' dominju taħt is-ccTLD	3 161 (9.5 % tan-numru totali ta' ħwienet elettroniċi)	6 066 (2.9 % tan-numru totali ta' ħwienet elettroniċi)	14 182 (6.3 % tan-numru totali ta' ħwienet elettroniċi)	4 461 (9.1 % tan-numru totali ta' ħwienet elettroniċi)	27 870 (5.41 % tan-numru totali ta' ħwienet elettroniċi)
Numru totali ta' ħwienet elettroniċi skoperti suspettati li jiksru trade marks ta' oħrajn li jużaw isem ta' dominju taħt is-ccTLD fejn l-isem ta' dominju kien użat qabel minn reġistrant ieħor	2 444 (77.3 % ta' ħwienet elettroniċi suspettati)	4 864 (80.2 % ta' ħwienet elettroniċi suspettati)	10 081 (71.1 % ta' ħwienet elettroniċi suspettati)	3 612 (81.0 % ta' ħwienet elettroniċi suspettati)	21 001 (75.35 % ta' ħwienet elettroniċi suspettati)

Ir-riċerka sabet 27 870 ħanut elettroniku suspettat li jbigħ prodotti li jiksru d-drittijiet tat-trade mark fl-Iżvezja, fil-Ġermanja, fir-Renju Unit u fi Spanja. Instab li 21 001 minn dawn il-ħwienet elettroniċi (75,35 %) ġew skoperti li qed jużaw ismijiet tad-dominju li qabel kienu jintużaw biex jidderieġu t-traffiku tal-internet lejn websajts li m'għandhom l-ebda relazzjoni mal-użu preċedenti tagħhom.

Abbażi tar-riċerka, għandu jitqies probabbli li l-istess iseħħ ukoll f'pajjiżi Ewropej oħrajn b'setturi tal-kummerċ elettroniku żviluppati sew.

L-analiżi tas-27 870 ħanut elettroniku suspettat li jikkummerċjalizza prodotti li jiksru d-drittijiet tat-trade mark fl-Iżvezja, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Spanja identifikat numru ta' mudelli fit-twaqqif tal-ħwienet elettroniċi. Dawn jinkludu:

- kategorija tal-prodott: iż-żraben huma l-kategorija tal-prodott l-aktar affettwata f'67.5 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati u l-ħwejjeġ huma l-kategorija tal-prodott l-aktar affettwata f'20.6 %<sup>5</sup>;
- il-marka ewlenija affettwata: id-ditta l-aktar milquta kienet misjuba bħala d-ditta affettwata l-aktar fi 18 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati, filwaqt li t-tieni l-aktar milquta kienet misjuba bħala d-ditta prinċipalment affettwata fi 11.9 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati;
- softwer użat: 94.6 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati li nstabu użaw l-istess softwer speċifiku tal-kummerċ elettroniku;
- reġistraturi: 40.78 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati li nstabu fl-Iżvezja u fir-Renju Unit ġew irreġistrati mill-istess reġistratur;
- servers tal-isem: 21.3 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati li nstabu użaw l-istess server tal-isem;
- pajjiż ospitanti: 25.9 % tal-ħwienet elettroniċi suspettati kellhom il-fornitur ospitanti li jinsab fit-Turkija, 19.3 % fin-Netherlands, u 18.3% fl-Istati Uniti.

<sup>5</sup> Ta' min jinnota li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti ewlenin jaqblu mal-kategoriji ta' prodotti ewlenin identifikati mill-Eurostat fl-istħarriġ ġenerali dwar ix-xiri online: [http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/E-commerce\\_statistics\\_for\\_individuals](http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/E-commerce_statistics_for_individuals).



L-attività tal-websajts preċedenti taħt l-ismijiet tad-dominju użati hija varjata ħafna, iżda tista' tinqasam fi:

1. istituzzjonijiet pubbliċi, organizzazzjonijiet internazzjonali u gruppi ta' interess
2. settur finanzjarju
3. websajts tal-aħbarijiet, il-midja u l-informazzjoni
4. negozji oħra
5. dibattitu politiku u propaganda
6. xogħol volontarju
7. websajts kulturali u reliġjużi
8. assoċjazzjonijiet privati
9. nies famużi u klubbs tal-partitarji
10. websajts tal-adulti u tad-dejting.

Matul ir-riċerka, ġew analizzati fil-fond 40 ħanut elettroniku. L-istudji tal-każijiet jistgħu jinstabu fl-Anness għar-rapport.

Domain00	Domain00	Domain01	Domain00
Fl-istudju tal-każ <i>Domain001</i> - se l-użu preċedenti tal-isem tad-dominju kien li jidderiġi t-traffiku tal-internet lejn websajt bil-lingwa Żvediża b'informazzjoni mill-Parlament Ewropew lill-pubbliku Żvediż.	Fl-istudju tal-każ <i>Domain007</i> - de l-użu preċedenti tal-isem tad-dominju kien li jidderiġi t-traffiku tal-internet lejn websajt bil-lingwa Ġermaniża b'informazzjoni dwar skola tal-ballet.	Fl-istudju tal-każ <i>Domain010</i> - co.uk l-użu preċedenti tal-isem tad-dominju kien li jidderiġi t-traffiku tal-internet lejn websajt bil-lingwa Inġliża b'informazzjoni dwar servizz ta' escort lokali.	Fl-istudju tal-każ <i>Domain003</i> - es l-użu preċedenti tal-isem tad-dominju kien li jidderiġi t-traffiku tal-internet lejn websajt bil-lingwa Spanjola b'informazzjoni dwar kanċer u kuri relatati.

Ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn l-użu preċedenti tal-isem tad-dominju u l-bejgħ attwali ta' prodotti misjuba f'xi wieħed mill-40 studju tal-każijiet li twettqu. Anki jekk id-dominju kien intuża qabel għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti, il-ħwienet elettroniċi attwali kienu qed jikkummerċjalizzaw tip differenti ta' prodott fil-ħin tal-analiżi.

L-istudji tal-każijiet jindikaw li l-unika raġuni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-ismijiet tad-dominju hija li wieħed jibbenefika mill-popolarità tal-websajt li qabel kienet identifikata mill-isem tad-dominju. Il-benefiċċji jinkludu indiċjar tal-magni tat-tiftix, reviżjonijiet ippubblikati ta' servizzi u/jew prodotti u links minn websajts oħra li għadhom ma kkunsidrawx l-użu attwali.

Inizjalment, il-ħwienet elettroniċi jidhru negozji individwali mhux relatati. Madankollu, l-analiżi tal-ħwienet elettroniċi u l-istudji tal-każijiet identifikaw karatteristiċi komuni differenti fir-rigward ta' kategoriji ta' prodotti u marki offruti fi ħwienet elettroniċi suspettati fit-teknoloġija tal-websajt tagħhom, kif ukoll użu ta' reġistrazzjoni u servers ta' ismijiet speċifiċi, u fil-pajjiżi ta' oriġini tal-fornitur ospitanti.

Meta wieħed jeżamina l-istruttura tal-prattika tan-negozju u wara li ġew analizzati 40 studju tal-każijiet fid-dettall, riżultat ieħor li ħareġ mir-riċerka huwa li jkun probabbli li jkun hemm livell għoli ta' affiljazzjoni bejn il-ħwienet elettroniċi. Ir-riċerka tidher li tindika li dak li fil-wiċċ jidher bħala eluf ta' ħwienet elettroniċi mhux relatati, x'aktarx ikun negozju wieħed jew ftit negozji li jkkummerċjalizzaw prodotti li jiksru d-drittijiet tat-trade mark lill-konsumaturi Ewropej.

Is-sejbiet tar-rapport huma interessanti għall-komunità tal-infurzar tal-liġi u l-intermedjarji tal-internet kif ukoll id-detenturi tat-trade marks u l-konsumaturi, biex jifhemu l-iskala u l-karatteristiċi ta' dan il-mudell kummerċjali applikat f'għadd ta' Stati Membri tal-UE.



Avenida de Europa, 4,  
E-03008 - Alicante  
Spanja

[www.euiipo.europa.eu](http://www.euiipo.europa.eu)



Riċerka dwar Mudelli Kummerċjali Online li jiksru d-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali - Fażi 2

Ħwienet elettroniċi suspettati li jiksru d-drittijiet tat-trade mark li jużaw ismijiet tad-dominju li kienu użati qabel

**Sommarju Eżekuttiv**